MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1780/1997/1

**Rose Marie Zammit**

**vs**

**Domenic Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 t'April 1973;

Illli z-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens fil-mument taz-zwieg kien vizzjat *stante* s-segwenti ragunijiet:

1. L-attrici zzewget per forza minhabba koerzjoni morali qawwija li vvizja l-kunsens stante li kienet tqila qabel izzewget.

2. Illi l-konvenut ma tax il-kunsens tieghu *ad esclusionen* u fil-fatt wara z-zwieg beda` johrog ma' nisa ohra.

Illi l-konvenut kien immatur u kienx kapaci jifhem l-obbligi ta' hajja matrimonjali u ghalih iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-5 t'April 1973 huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (a tergo ta' fol. 17) huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota t'eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ta' l-4 ta' Marzu 1999; tas-6 ta' Mejju 1999; tat-13 ta' Lulju 1999; tat-28 ta' Jannar 2000; tad-29 ta' Mejju 2000 fejn gie nominat Dr. Chris Cilia bhala Perit Legali; tad-29 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Gunju 2001; u tad-19 ta' Novembru 2001;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta ta' l-10 t'April 2002; tad-19 ta' Gunju 2002; u tat-3 ta' Dicembru 2002 il-Perit Legali halef ir-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tas-27 ta' Mejju 1999 fejn talbet li n-notifika tal-konvenut issir wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-avviz ta' l-4 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali tas-7 t'Ottubru 2002 fejn talab l-awtorizzazjoni tal-Qorti sabiex ikun jista` jahlef ir-rapport fir-Registru;

Rat id-digriet tat-8 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-30 t'Ottubru 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex thalli l-kawza ghas-sentenza;

Rat id-digriet ta' l-4 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi seduta *stante*;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit minnha pprezentat xehdet kif gej:-

*"Illi nghid illi jiena bdejt nohrog mal-konvenut Domenic Zammit fl-eta' ta' sittax-il sena. Ftit wara illi jiena bdejt ir-relazzjoni ma' Domenic jiena hrigt tqila minnu.*

*Illi ghalhekk jiena gejt taht pressjoni kbira mill-familjari tieghi sabiex naqbad u nizzewweg. Dak iz-zmien jiena kelli biss sittax-il sena u ma kontx naf xi jfisser zwieg u kemm din ir-rabta fiha responsabilitajiet kbar. Meta fil-fatt izzewwigt jiena intbaht illi z-zwieg kien xi haga ferm*

*differenti milli kont nahseb fih u kien jitlob hafna sagrificcji minni.*

*Illi nghid illi jiena u Domenic hekk ghamilna u zzewwigna u dan wara bejn wiehed u iehor sena illi ahna konna ilna nafu lil xulxin.*

*Illi nghid illi mill-ewwel meta zzewwigna ma kienx hemm gabra fil-familja. Domenic fil-fatt ghalkemm kien jghix mieghi kien jghix hajja totalment ghal rasu u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejnietna.*

*Illi Domenic minn dejjem wera dizinteress kbir fil-hajja mizzewga ta' bejnietna u baqa' jghix qisu guvni. Huwa mill-ewwel beda jigdibli fis-sens illi per ezempju ma jghidlix fejn ikun mar ezatt u darba niftakar illi qalli li kien mar ghax-xoghol mentri gie lura ahmar nirien. Wara sirt naf illi huwa kien mar il-bahar ma' mara ohra u cjoe' ma' Anna Micallef.*

*Illi nghid illi wara ftit zmien jiena sirt naf li Domenic kellu mara ohra bl-isem ta' Anna Micallef u jiena ghalhekk iddecidejt li nitlaq ghal rasi. Fil-fatt Domenic imbaghad kellu tifla minn din Anna.*

*Illi jiena kont sirt naf b'din ir-relazzjoni permanenti li kellu zewgi Domenic ezattament wara li zzewwigna minghand ibni stess ghaliex kif kiber naqra huwa kien jehodni ghand omm din Anna Micallef u kien jghidli li dan huwa l-post fejn ikun missieru Domenic u fejn kien jiehu lilu stess.*

*Illi jiena fil-fatt ukoll dhalt f'relazzjoni ohra ma' certu George Micallef u minnu kelli tifel.*

*Illi jiena nhoss illi jiena u Domenic qatt ma kellna zwieg bejnietna ghaliex ahna qatt ma ghixna bhala koppja mizzewga anzi bil-kontra l-unika raguni ghalfejn ahna konna zzewwigna huwa appuntu l-fatt illi jiena kont hrigt tqila fl-eta' biss ta' sittax-il sena".*

1. Illi b'zieda ma' dan l-affidavit, l-attrici, fis-sitt (6) u fis-seba` (7) seduta illi nzammu fis-16 ta' Novembru, 2001 u

fit-30 ta' Novembru, 2001 rispettivament, kompliet tixhed kif gej:-

*"Illi meta hrigt tqila mill-konvenut jien kien ghad ghandi biss sittax-il sena u kont ili nafu biss ghal ftit xhur. Jien kont ghadni mohh ir-rih u ma kontx nifhem u napprezza x'inhu z-zwieg u l-konsegwenzi u r-responsabbilitajiet, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.*

*Illi ahna dak iz-zmien ma kellna ebda hsieb ta' zwieg u dak li ghamilna ma kien xejn ghajr avventura.*

*Illi ahna zzewwigna meta jien kelli erba' (4) xhur tqala. Ma kont ippreparata xejn ghal dak illi kelli nsib ma' wicci u cjoe' l-hajja mizzewga – filli ghadni nghix mal-genituri tieghi u filli sibt ruhi mizzewga.*

*Illi biex izzewwigna kien hemm pressjoni kbira min-naha ta' missieri u ommi u fil-fatt kienu anke ltaqghu mal-genituri tal-konvenut u prattikament kienu huma illi hadu minflokna d-decizjoni illi ahna nizzewgu peress illi kienet gejja tarbija fid-dinja.*

*Illi dak iz-zmien, fis-sebghinijiet, l-affarijiet kienu differenti hafna mil-lum u fil-fatt l-uzanza kienet illi jekk tinqabad tqila jzewguk mill-ewwel. Kienet stigma, xi haga tal-misthija illi jkollok it-tfal barra miz-zwieg.*

*Illi fil-fatt niftakar illi kienet ghadha kemm mietet in-nanna, u cjoe' omm ommi, u ommi kienet hadet f'idejha l-post taghha, xtrat l-ghamara u xtratli d-dota, kollox f'daqqa u ta' malajr. Ahna morna nghixu f'dal-post tan-nanna.*

*Illi l-konvenut ma kien matur xejn u ma kien jaghti kaz ta' xejn.*
*Illi meta l-genituri tieghi u tal-konvenut kienu hadu d-decizjoni illi ahna nizzewgu peress illi jiena kont hrigt tqila, il-konvenut ma kienx jahdem. Huwa la kellu skola u lanqas snajja' u dak iz-zmien ma kien jaghmel xejn. Kiena qabad jahdem wara li zzewwigna meta kien se jkolli t-tarbija. Niftakar li kienet ommi li kienet irrangatlu biex dahhlitu jahdem fl-istazzjon Tedesk "Deutsche Welle"*

*f'Benghajsa bhala 'handyman'. Jiena wkoll ma kellix skola. Meta zzewwigna ma kellna ebda flus imgemmghin u ma kellna xejn taghna. Konna niddependu kompletament fuq il-genituri tieghi biex johdulna hsieb tal-bzonnijiet taghna.*

*Illi qabel ma jiena hrigt tqila bejni u bejn il-konvenut qatt ma ghadda ebda diskors dwar zwieg. Irrid nghid illi lili ftit li xejn kien jaghti kazi u l-konvenut dejjem kien ikun il-kazin tal-'Labour' ta' Haz-Zebbug, daqqa jarma xi 'disco' ghaz-zaghzagh u kien ihobb jorganizza bosta attivitajiet. Kienu dawn l-affarijiet l-izjed importanti ghall-konvenut u mhux jien.*

*Illi mbaghad, wara li zzewwigna, tista' tghid illi ma nbidel xejn u l-konvenut baqa' ghaddej bl-istess rutina li kellu qabel. Baqa' jiffrekwenta l-kazin, attiv fil-kumitat u jorganizza l-attivitajiet kif kien jaghmel qabel. Peress illi jiena kelli tifla tat-twelid ma stajtx inkun mieghu f'dawn l-attivitajiet pero` l-konvenut ma kien jaghti kaz ta' xejn u kien ihalli lili u t-tifla wahedna u jmur fejn ifettillu. Huwa baqa' jghix l-istess hajja daqs li kieku kien ghadu guvni.*

*Illi qabel iz-zwieg ma kien hemm ebda preparattivi ta' xejn bejnietna. Qatt ma tkellimna jew iddiskutejna, per ezempju, x'nixtiequ naghmlu fil-futur, kemm nixtiequ jkollna tfal, u x'nixtiequ li nghallmuhom. Lanqas konna attendejna xi korsijiet taz-zwieg".*

Illi l-**konvenut** meta xehed in subizzjoni fir-raba' seduta li nzammet fit-30 t'Ottubru, 2001 xehed kif gej:-

*"Illi nikkonferma illi qabel iz-zwieg jiena u l-attrici konna nohorgu flimkien u l-attrici kienet harget tqila minni. Qabel izzewwigna konna ilna flimkien ftit xhur biss. Ahna t-tnejn kellna biss sbatax-il sena, anzi nghid sittax-il sena meta bdejna nohorgu flimkien u l-attrici harget tqila.*

*Illi jiena niftakar illi jiena ma kontx ghidt lill-genituri tieghi b'dak li kien gara u l-attrici kienet qalet lil ommha u ommha giet tkellem lill-genituri tieghi. Id-decizjoni li nizzewgu ma kinitx wahda libera izda decizjoni li hadna*

*taht pressjoni. Jiena kont nibza' minn missierha, John Mary Briffa, illum mejjet. Huwa qatt ma approva r-relazzjoni taghna ghax kien bniedem ta' dixxiplina. Fil-fatt huwa kien ex-'serviceman' u cjoe' fl-armata.*

*Illi nghid ukoll illi qabel izzewwigt lill-attrici fil-perjodu li konna qed nohorgu flimkien jiena kelli relazzjonijiet sesswali ma' tfajliet ohra wkoll. Nghid ukoll illi ghandu suspetti fondati illi anke l-attrici dak iz-zmien kien qed ikollha x'taqsam sesswalment ma' haddiehor. Fil-fatt meta kont irrinfaccajtha b'dan hija kienet ammettiet dan il-fatt mieghi.*

*Illi jiena kont bdejt relazzjoni fissa ma' certa Anna Micallef fl-1987. Jiena u l-attrici konna zzewwigna fl-1973. Iz-zwieg taghna pero` kien ilu fi stat hazin hafna. Qabel din Anna Micallef jiena kelli relazzjonijiet ma' nisa ohra waqt li kont mizzewweg u anke l-attrici kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohrajn.*

*Illi anke fil-bidu taz-zwieg jien kont inqatta' l-gurnata mehdi fix-xoghol u fil-kazin waqt li l-attrici kienet tohrog ghal rasha. Xoghol fid-dar gieli ghamilt. Tfal ghandna tlieta – Norma li llum ghandha 27 sena, Sandy li ghandha 22 sena u Philip ta' 16-il sena.*

*Illi rigwardanti t-trobbija tal-ulied nghid illi principalment kienet l-attrici li kienet tiehu hsieb it-trobbija taghhom.*

*Illi m'ghandi ebda dubju li l-kagun ghaliex izzewwigna kien illi l-attrici harget tqila. Fil-fatt jien dak iz-zmien kelli relazzjoni ohra ma' tfajla ohra u kont qed nahseb biex lill-attrici nitlaqha. Bqajt maghha biss ghax harget tqila, minn banda thassartha u mill-banda l-ohra bzajt nitlaqha".*

## ii) <u>Apprezzament Tal-Provi.</u>

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-provi prodotti u tanalizza jekk tali provi humiex sufficjenti sal-grad illi trid il-ligi biex, a bazi taghhom, tigi akkolta t-talba attrici, l-Qorti sejra l-ewwel tghaddi biex tikkonsidra l-kwistjoni dwar il-

fatt illi l-konvenut baqa' kontumaci u izjed tard, fil-kors tas-seduti, deher u ammetta t-talba attrici.

Illi kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, f'dawn it-tip ta' kawzi u cjoe' kawzi ta' annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra u addirittura f'kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, kif effettivament gara fil-kawza odjerna, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP)) deciza fit-30 t'April, 2002, gie enuncjat kif gej -:

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 – Citaz. Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (PAQC – 4 ta' Novembru, 1994**); "Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (PAQC – 3 t'Ottubru, 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"** (PAQC – 4 t'Ottubru, 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"** (PAQC – 10 ta' Novembru, 1995); **"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** (PAQC – 21 ta' Novembru, 1995); **"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"** (PAQC – 22 ta' Frar, 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** (PAQC – 31 ta' Jannar, 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Maria Debono"** (PAQC – 16 ta' Settembru, 1996")".*

Illi l-Qorti tosserva illi fic-citazzjoni minnha pprezentata, l-attrici naqset milli tindika dak il-paragrafu/i tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 illi fuqhom hija qieghda tibbaza t-talba taghha sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett.

Illi mid-dicitura tac-citazzjoni promotrici u mill-provi prodotti l-Qorti tirrileva illi l-validita' taz-zwieg kuntrattat

bejn il-kontendenti jidher illi qieghed jigi attakkat taht tlieta mir-ragunijiet specifikati mil-ligi ghaliex il-Qorti tista' tiddikjara zwieg bhala null u bla ebda effett, u cjoe' r-ragunijiet specifikati fil-**paragrafi (a), (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u cjoe':

*"(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet esennzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi, fir-rigward tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255**, u cjoe' meta l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, fizika jew morali, jew b'biza', mill-provi prodotti irrizulta illi l-attrici inqabdet tqila meta kien ghad ghandha biss sittax-il sena, u l-konvenut ukoll kellu l-istess eta'. Il-konvenut xehed li huwa kien beza` minn missier l-attrici ghaliex kien bniedem ta' dixxiplina kbira (fil-fatt kien *ex-serviceman*). Qal ukoll illi zzewweg lill-attrici, minkejja illi dak iz-zmien kellu relazzjoni ma' tfajla ohra u lill-attrici kien qed jippjana li jitlaqha, minn banda ghax thassarha u minn banda minhabba illi beza' jaghmel dan. Il-Qorti tirrileva wkoll illi wiehed irid jifhem illi dan il-fatt, u cjoe' l-fatt illi l-attrici harget tqila meta kien ghad ghandha sittax-il sena, madwar tletin sena ilu, u cjoe' fi zmien meta s-socjeta' taghna zgur illi kienet ferm inqas liberali milli hija llum, fi zmien meta l-fatt li xebba tinqabad tqila kienet xi haga ta' dizunur kbir ghall-familja taghha u kien mistenni illi s-sitwazzjoni tigi rimedjata immedjatament biz-zwieg.

Illi l-attrici minn naha taghha tghid illi kienu l-genituri taghha li flimkien ma' dawk tal-konvenut ghamlu l-

preparamenti kollha ghaz-zwieg u hija bhal donnu ma kellha ebda *voce in capitolo*. L-attrici pero` fl-ebda mument ma tghid illi xi hadd ezercita vjolenza fizika fuqha biex tizzewweg, izda taghti l-impressjoni illi ma kellha ebda ghazla ghaliex kollox gie deciz ghaliha mill-genituri taghha, u fl-istat illi kienet, tqila ta' sittax-il sena, certament illi ma kienet se tivventila ebda protesta.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-espozizzjoni dottrinali dwar id-difett tal-*vis et metus* ghall-espozizzjoni dottrinali maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Carmelo sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** deciza fit-3 t'Ottubru, 1995 (P.A. (VGD)) u ghall-pronuncjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u "Nicolai Balzan vs Simone Cremona" (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) illi ghalihom qed issir ampja riferenza.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi dan il-hsieb jinsab riprodott f'diversi sentenzi ohra tal-Qrati nostrana fosthom **"Josette Spiteri nee' Scicluna – vs George Spiteri"** (Citaz. Nru. 1616/94VDG) deciza fit-22 ta' Novembru, 1996 fejn gie enuncjat kif gej -:

*"Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizzjat bil-vjolenza jew bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna jehtieg li dik il-vjolenza jew biza' tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Illi l-pozizzjoni legali ottenenti hija kristallizzata, mill-gurista ***Bersini*** li jipprostula illi *"il matrimonio e' nullo se si*

*celebra per timore e non e' nullo se si celebra con timore"* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994 p. 131).

Illi fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida *"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi jehtieg illi jinghad ukoll illi l-biza` tista` tkun ukoll wahda "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat kif gej:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali taffettwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz biza' fis-sens ta' suggizzjoni ezagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa' entita'. L-indinjazzjoni tal-genituri, kbira kemm tkun kbira, ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt jew li jsofri xi danni finanzjarji mhix bizzejjed. Izda jekk ikun hemm it-ttheddid, glied spiss u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffettwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-artikolu 19(1)(a)".*

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti ma tirrizultax dik il-vjolenza, fizika jew morali, jew biza' fis-sens illi trid il-ligi biex iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255**. Jirrizulta illi wahda mir-ragunijiet illi minhabba fihom il-konvenut kien dahal ghal dan iz-zwieg kienet illi beza` minn missier l-

attrici, pero` ma jirrizultax illi din il-biza' kienet wahda "invincibbli" u li ma setghetx tingheleb; jirrizulta illi huwa zzewweg "*con timore*" izda mhux *per timore* kif trid il-ligi biex iz-zwieg ikun jista' jigi dikjarat null taht dan il-kap. M'hemmx dubju wkoll illi fl-istat illi kienet u fl-eta' taghha l-attrici sofriet minn xi forma ta' vjolenza morali, pero` ma rrizultax, almenu mill-provi prodotti (illi kienu ferm ezigwi) illi tali vjolenza morali kienet tali li *ma taghti ebda possibilita' lil min ikunli jisfuggi minnha*. Certament li tirrizulta l-indinjazzjoni tal-genituri, specjalment ta' l-attrici, jirrizulta wkoll il-fatt illi fl-eta' u fl-istat illi kienet l-attrici kienet ferm vulnerabbli u soggetta ghal *suggizzjoni ezagerata* izda ma gietx ippruvata l-biza' *gravissima u ta' certa entita'* illi trid il-ligi.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti thoss illi t-talba attrici biex iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla ebda effett ma tistax tigi akkolta a bazi tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255**.

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra s-**subinciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ghandu jigi rilevat mill-bidu nett illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku ghaliex kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi iz-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-'*discretio iudicii'* huwa kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (vide **"Angela Spiteri nee' Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A. (QC) 4 ta' Novembru 1994). Fil-fatt, il-Qorti, fl-imsemmija sentenza illi *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrani, irriferiet ghall-guristi u l-gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia ‘foedus’ … richiede una capacita’ intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi, una integrita’ di mente e di liberta’, dato che si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita”* (Colagiovanni – Forum 1990, Vol I pt. 1 pg.72).

Illi pero’, kif gie rilevat iktar ‘il fuq, b’immaturita’ jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, d-dottrina u gurisprudenza *“non si riferiscono ad una piena e terminale maturita’, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio’ che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio’ che puo’ comportare la vita coniugale, ne’ un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne’ infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche’ riesce piu’ appropriato l’uso del termine “dicrezione di giudizio” che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita’ piena”* (Pompedda M.F**. “Il Consenso Matrimoniale” “Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico”** (Padova,1984 p 46).”

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata **“Angela Spiteri nee’ Selvaggi vs Joseph Spiteri”** (P.A.Q.C. 4 ta Novembru 1994) addottat id-definizzjoni ta’ ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonskisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti u cjoe’:-
- *La piena avvertenza*
- *Il deliberato consenso.*

*“’La piena avvertenza’ si riferisce alla sfera intellettiva, ‘il deliberato consenso’ a quella volitiva.”…*
Illi l-istess gurista ikompli jispjega illi *“la discrezione di giudizio comprende la maturita di giudizio e la maturita affettiva ………la maturita’ di giudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro”.*
Illi mill-banda l-ohra Bersini jispjega illi *“la maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della*

*emotivita', che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)"*. (***Bersini F***. **"Il Diritto Canonico Matrimoniale"**. Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub "e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".

Illi fil-kliem ta' gurista iehor, ***Viladrich***, gja' citat izjed 'il fuq f'dan ir-rapport peritali, *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*. (***Viladrich***, ***P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated "** (Montreal, (1993) pg. 686.)

Illi *oltre* dan ghandha ssir riferenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** illi fiha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku Davino u osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

* *When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

* *When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

* *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within." (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990 coram Bajada . Forum 2 (1991) pp 173-174)."*

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li *"Modern jurisprudence is not satisfied with the*

*level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able effectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake "* (Bruno, 30 ta' Mejju 1986 **"Monitor ecclesiasticus LXII"** (1987) 542/543).

Illi b'zieda ma' dan ghandu jinghad illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, dawn huma dawk l-elementi "li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied". F'dan ir-rigward tajjeb illi wiehed jaghmel riferenza wkoll ghad-definizzjoni li jaghti l-awtur ***Viladrich*** ta' dawk li huma d-dmirijiet u l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u cjoe' "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687). Ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh"**, P.A.

(VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Jigi rilevat ghaldaqstant illi inerenti f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita` bejniethom *the community of life and love*.

Illi ghalhekk minn dan kollu jsegwi illi l-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr. Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Citaz. Nru. 2443/97RCP). Wiehed ghaldaqstant ghandu jezamina fejn u meta jirrizulta illi hemm difett serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi fil-kliem tal-gurista diga` citat ***Viladrich*** *"there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad kif gej:

*“Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrizzjoni ta’ gudizzju – **artikolu 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**“Isabelle Zarb vs Stephen Attard”** – P.A. 21 ta’ Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ nkompatibilita’ ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar “anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”. Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom”.*

Illi ghalhekk b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**“Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana”** – P.A. (VDG) tal-25 ta’ Mejju,1995).
Illi madanakollu ghandu jerga’ jigi ritenut dak illi diga` gie affermat iktar ‘il fuq f’din id-decizjoni, fis-sens illi kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ *‘discretio judicii’* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **“Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo”** (P.A. (VDG) 26 ta’ Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *“fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla*

*libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995)."*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk, ukoll, il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja. ***Bersini*** jippostula kif gej dwar il-kwistjoni ta' kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-
*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel*

*futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi ghandu jigi pprecizat, pero`, f'dan l-istadju, illi l-kuncett ta' *ghazla libera, ossia, kunsens hieles* ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, tant illi fil-kliem tal-gurista ***Pompedda*** *"… … ... se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente,* di scegliere con autonomia ... ... ... *In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (Pompedda, M.F., **"Incapacita` di Natura**

**Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-Psikjatrija jew tal-Psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *di intendere e/o di volere*. *"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid ***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. Cit., p. 99).

Illi ghandu jsir accenn ukoll ghall-pronunzjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Marzu, 2002 fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** rigwardanti l-kunsens tal-partijiet ghall-kontrattazzjoni taz-zwieg, u dan fis-sens segwenti :-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg ….. m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinjifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *in oltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Suzanne sive Sue Rossi –vs- Benjamin sive Benny Bugeja"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju, 2002) fost ohrajn, ghal liema sentenzi wkoll qieghda u ghandha ssir ampja riferenza.

Illi l-Qorti issa sejra tghaddi sabiex tezamina l-provi prodotti fil-kawza odjerna sabiex jigi valutat jekk da parti ta' wahda jew ohra mill-partijiet ghaz-zwieg *de quo* kienx hemm dan id-difett serjuta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga illi jirrendu z-zwieg minnhom celebrat null u bla ebda effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255**.

Illi, kif diga` gie rilevat izjed 'il fuq f'din id-decizjoni, ghal dak li jirrigwarda l-attrici, irrizulta illi meta hija ikkuntrattat iz-zwieg kien ghad ghandha madwar sittax jew sbatax-il sena, kienet tqila u lill-konvenut kienet ilha tohrog mieghu ghal ftit xhur biss. Ma kellha xejn preparat ghaz-zwieg u z-zwieg gie fuqha bhal sajjetta fil-bnazzi. Il-konvenut allega illi f'dak iz-zmien l-attrici kellha relazzjonijiet sesswali ma'

haddiehor, allegazzjoni illi l-attrici ma rrifjutatx. Fix-xhieda taghha hija tghid illi wara z-zwieg irrealizzat kemm il-hajja mizzewga kienet differenti minn dak illi hija kienet tipprospettaha, u tghid ukoll illi qabel iz-zwieg qatt ma rriflettiet jew iddiskutiet mal-konvneut fuq dawk li huma d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga. Qalet ukoll illi d-decizjoni illi hija u l-konvenut jizzewgu haduha l-genituri taz-zewg kontendenti li hadu hsieb ukoll ta’ kollox huma. Jirrizulta illi anke wara z-zwieg l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma’ rgiel ohra, u fil-fatt minn wahda minn dawn ir-relazzjonijiet kellha wkoll wild.

Illi fil-fehma tal-Qorti jirrizulta b’mod car illi fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, l-attrici, tifla/tfajla ta’ 16/17-il sena qed tistenna tarbija, ma kelliex il-kapacita’ li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. Lanqas ma jirrizulta illi l-attrici kellha *la piena avvertenza* u *il deliberato consenso* mehtiega biex il-kunsens ghaz-zwieg ikun wiehed validu. Mill-provi prodotti il-Qorti hija konvinta illi l-attrici kellha difett serju ta’ diskrezzjoni fuq dawk li huma d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, fosthom l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *the community of life and love*. L-eskluzjoni da parti ta’ l-attrici ta’ dawk li huma l-obbligazzjonijiet essenzjali u fundamentali taz-zwieg, u cjoe’ l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, huma riflessi fl-agir taghha kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg.

Illi l-istess principji japplikaw ukoll fir-rigward tal-konvenut. Mix-xhieda irrizulta illi l-konvenut kien guvnott ferm immatur, beda` johrog ma’ l-attrici meta kellu sittax-il sena, fl-istess waqt huwa kellu relazzjonijiet sesswali ma’ nisa ohra, ma kienx jahdem, kien mohhu fil-kazin u biex jorganizza l-attivitajiet, u l-ahhar haga illi kellu fuq mohhu kienet illi jizzewweg. Imbaghad sehh il-fatt sinistru – l-attrici harget tqila – u bejn ghax thassarha u bejn ghax beza` minn missierha accetta, *ossia*, ma oggezzjonax, li jidhol ghaz-zwieg illi gie konkordat mill-genituri taz-zewg konkorrenti.

Illi minkejja dan pero` ma kellu ebda hsieb illi jibdel l-istil ta’ hajtu, baqa’ johrog ma’ nisa ohra, jiffrekwenta l-kazin, jorganizza l-attivitajiet u ta’ martu tal-familja qajla kien jaghti kaz. Iktar tard huwa kellu relazzjoni duratorja ma’ certa Anna Micallef illi maghha bena familja parallela ghal dik illi huwa diga` kellu. Huwa car illi l-konvenut kellu difett serju ta’ diskrezzjoni dwar dawk li huma l-obbligazzjonijiet, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga, u dan kif rifless mill-agir sfrontat tieghu kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li r-realta’ kollha taz-zwieg tal-kontendenti hija migbura proprju fl-ahhar versett tax-xhieda moghtija mill-konvenut in subizzjoni fis-seduta tat-30 t’Ottubru, 2001 – *“M’ghandi ebda dubju li l-kagun ghaliex izzewwigna kien illi l-attrici harget tqila”*. Fil-fatt jirrizulta li l-*gravidanza* ta’ l-attrici kienet ir-raguni mhux biss ewlenija izda unika ghaliex gie celebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti.

Illi ghal dawn il-motivi Il-Qorti hija tal-fehma illi m’ghandu jkun hemm l-ebda dubju illi z-zewg nahat kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni fuq id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, liema difett serju ghamilha impossibbli ghaz-zewg partijiet biex jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, w ghaldaqstant iz-zwieg bejn il-kontendenti indubbjament ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi t-tielet u l-ahhar raguni illi l-attrici donna taccenna ghaliha, skond id-dicitura tac-citazzjoni promotrici u l-provi prodotti, ghal xiex iz-zwieg minnha celebrat mal-konvenut fil-5 t’April, 1973 ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett huma d-dispozizzjonijiet tas-**subinciz (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** illi jipprovdu illi z-zwieg ikun null *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”*. Il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tezamina din id-dispozizzjoni tal-ligi anke fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati nostrana u d-duttrina prevalenti.

Illi dan il-provvediment tal-ligi gie ezaminat u trattat b'mod ezawrjenti kemm fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) ghal liema sentenzi qieghda ssir ampja riferenza.

Illi *in oltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi fl-ismijiet **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi, filwaqt illi ssir ampja riferenza ghal dak illi gie rilevat iktar 'il fuq f'din is-sentenza rigwardanti l-komportament ta' l-attrici u fuq kollox tal-konvenut kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg, fejn iz-zewg partijiet kellhom relazzjonijiet sesswali ma' persuni ohra u l-konvenut baqa' jghix hajja ta' guvni minflok ta' ragel mizzewweg, mohhu biss fil-kazin, fin-nisa u fil-passatempi (f'kollox minbarra fil-familja), l-umli esponent m'ghandu l-ebda dubju illi l-kunsens taz-zewg partijiet, u fuq kollox tal-konvenut,

inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, bl-eskluzjoni pozittiva ta' l-obbligi tal-fedelta' u assistenza illi huma l-pilastri illi fuqhom huwa mibni z-zwieg.

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa al Muhamed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju, 1999) inghad li –

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. 7 ta' Lulju, 1994) il-qorti qalet li m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghti t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun johloq 'a partnership for life'.*

Illi mill-gurisprudenza nostrana jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza , l-unita' u l-indissobulita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi *"element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-hajja komuni ('communio vitae') bejniethom".*

Illi fil-kaz odjern huwa car umanifest u rrizulta ampjament mill-provi prodotti illi ta' l-inqas da parti tal-konvenut, jekk mhux ukoll tal-attrici, ma kien hem qatt ir-rieda illi huwa jqatta' l-kumplament ta' hajtu f'rabta ta' imhabba ma' l-attrici bl-eskluzjoni ta' nisa ohra u li jaghtu lilu nnifsu fit-totalita' tieghu lill-attrici u lill-familja tieghu.

Illi z-zwieg gie celebrat ghax l-attrici harget tqila f'eta' hekk zghira, il-konvenut "qeda` dmiru" u zzewwigha, izda ma kellu ebda hsieb illi johloq ma' l-attrici il-'communio vitae' illi ghandha tigi stabbilita fir-rabta taz-zwieg.

Illi ghal dawn il-motivi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi z-zwieg in kwistjoni ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett anke *ai termini* **tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi, in konkluzjoni, hija l-fehma tal-Qorti, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-5 t'April, 1973 ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett a tenur tal-paragrafi **(d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa` t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-5 t'April 1973 huwa null u bla effett, *ai termini* ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------